KLR 37/V/2008

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministarattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 30 ta' Lulju 2008 fid-9.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:- Is-Sindku Robert Tabone u l-membri Josef Schembri, Josephine Cassar, Marcel Tabone, Michel Buttiġieġ u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- Il-Viċi Sindku Victor Galea Pace u l-membru Joe Debrincat.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti rigward mozzjoni numru 118 li ressaq hu u ġiet approvata fil-laqgħa li għaddiet. Nhar il-Ġimgħa 25 ta' Lulju 2008 saret l-ewwel laqgħa ma' l-eks-Sindki tar-Rabat. Għal din il-laqgħa attendew Victor Galea Pace, Paul Galea u Vivienne Galea Pace, s-Sindku Robert Tabone u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard. Il-Perit Joe Dimech u Paul Cassar kienu skużati.

**2. Stejjem – proġetti proposti mill-Kunsill għal din is-sena u Pjazza San Ġorġ**

Is-Sinkdu ressaq stejjem mibgħuta mill-Perit Edward Scerri kif hawn hawn taħt:-

| | |
|---|---|
| Bankini proposti għall-*area* tal-Kapuċċini:- | € |
| Triq Michele Busuttil | 17,471 |
| Triq Mattia Preti | 16,073 |
| | |
| Kisi propsot għal Triq Alfons Maria Ħili | 60,428 |
| | |
| Xogħol propost għall-Pjazza Sant Wistin | 53,776 |
| | |
| Kisi propost għal Triq Ġanni Vassallo | 16,694 |
| | |
| Kisi propost għal Triq Sir Arturo Mercieca | 26,584 |

| | |
|---|---|
| Kisi propost għal Pjazza San Ġorġ | 108,949 |
| Kisi propost għal Triq Wied is-Seqer u Sagħtar | 52,177 |

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li l-kontijiet pendenti huma parti mill-kisi ta' Triq iċ-Ċangar (Triq il-Mitħna), li baqa' €59,619 x'jitħallsu, l-kisi ta' Triq Mons Luiġi Vella u parti mit-triq taċ-Ċawla, quddiem Triq Sette Gugnio, kisi ta' parti minn Qasam San Ġorġ u parti minn Pjazza J. F. Kennedy, (il-kontijiet ta' dawn għadhom ma ntabagħtux mill-kuntrattur). Barra mill-kisi iridu jiżdiedu x-xogħolijiet li ġew inawgurati f'Ġunju. Kontijiet pendenti oħra li jinkludu kuntratti tas-servizzi huma ta' madwar €60,000.

Is-Sinkdu qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi l-prijoritajiet tax-xogħol li għandu jsir f'din l-aħħar sena ta' dan il-Kunsill. Minn dawn il-proġetti li ġew inawgurati f'Ġunju, l-Kunsill applika biex ix-xogħol għall-Pjazza J. F. Kennedy jiġi ffinanzjat mill-Urban Improvement Fund (UIF) mill-MEPA. Fl-aħħar laqgħa il-Kunsill qabel ukoll li japplika għall-fondi mill-UIF għax-xogħol li sar ta' dawl fi Pjazza Indipendenza u għax-xogħol tal-ġnien ta' Qasam San Ġorġ. L-ammont f'dan il-fond fil-preżent ilaħħaq €25,000 u għandu jkopri l-ispejjes kollha relatati max-xogħol konkluż imsemmi. L-ispejjes li qed isiru f'Taċ-Ċawla H. E. u t-tarmac ta' faċċata ta' Triq Sette Gugnio qed jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għal Politika Soċjali. Il-Kunsill diġa rċieva l-ammont ta' €60,378.18 minn dan il-Ministeru u baqgħalu jiġbor €40,500 skond il-ftehim iffirmat ma' l-istess Ministeru.

Ma' l-MTA ġie ffirmat kuntratt li jkopri €12,000 fuq it-tindif matul il-ġranet tas-sajf u mill-Good Causes Fund il-Kunsill għandu jiġbor €12,000 għall-attivitajiet varji li saru fi żmien il-Milied u l-Aħħar tas-Sena li għaddew, għandu jiġbor €8,000 mill-European Union Programmes Agency bħala wieħed mill-isponsors uffiċjali ta' l-attivitajiet tal-Milied u ta' l-Aħħar tas-Sena u għad baqgħalu jiġbor €4,658.75 mill-National Euro Changeover Committee li jkopru wkoll l-attivitajiet tal-Milied u ta' l-Aħħar tas-Sena 07/08.

Is-Sindku żied jgħid li l-prijorita' tal-Kunsill għandha tkun il-kisi ta' Pjazza San Gorġ u t-tarmac ta' Triq Wied is-Seqer, Triq Sagħtar u magħhom Triq Ġanni Vassallo. Il-membri qablu ma dan. Kompla jgħid li għarraf lill-Prim Ministru permezz ta' email fejn spjegalu s-sitwazzjoni tal-Kunsill u dwar il-priorita' li għandu sabiex tinkesa Pjazza San Ġorġ. Is-Sindku fl-ittra suġġerixxa li l-Kunsill japplika biex ikun kwalifikat sabiex dan ix-xogħol jiġi ffinanzjat mill-fond tal-MEPA - CPPS. Il-Prim Ministru wiegħed li ser jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex, jekk hu possibli, l-ispejjes relatati ma' dan il-proġett jiġu koperti minn dan il-fond.. (Anness mal-minuti hem mil-korrispondenza li għaddiet bejn is-Sindku u l-Prim Ministru). Sadanittant is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li jekk il-Kunsill ma jiġix kwalifikat għal dawn il-fondi, jitlob self mill-bank sabiex ikopri l-ispejjes u ma jitħalliex piż fuq il-Kunsill li jmiss. Il-membri unanimament qablu ma dan.

## 3. Kumitat rappreżentattiv għal ġemmellaġġ

Il-Kunsill qiegħed fil-fażi konklussiva sabiex jiffirma b'mod uffiċċjali l-ġemmellaġġ mal-Belt ta' Nichelino fl-Italja. Intlaħaq qbil ma' l-awtroitajiet ta' Nichelino fejn il-Kunsill tagħna ser jiffimra il-ġemmellaġġ ġewwa Nichelino bejn is-6 u l-10 ta' Frar 2009. Għal din l-okkażżjoni il-Kunsill ser joffri l-opportunita' lir-residenti tiegħu sabiex jakkumpanjawh waqt dan il-mument storiku għal Belt tagħna. Fix-xahar ta' Marzu 2009 imbgħad tiġi delegazzjoni minn Nichelino sabiex isir l-iffirmar hawnhekk. Il-membri qablu li jiġi formalment iffurmat kumitat ikkostitwit minn rappreżentant miż-żewġ kumitati Rabtin tal-partiti politiċi, mis-soċjetajiet mużikali, miż-żewġ parroċċi, mill-Oratorju Don Bosco, mit-tlett klabbs tal-futbol, mill-Victoria Scout Group, mill-MUSEUM subien u bniet, mill-iskola Primarja Sir Arturo Mercieca mill-Gozo Business Chamber u mill-Gozo Trourism Autority. L-irwol ta' dan il-kumitat hu li jiddiskuti u jħejji programm ta' attivitajiet li ser nofru lir-residenti ta' Nichelino meta dawn ikun fostna, kif ukoll iħeġġeġ il-parteċipazzjoni tar-residenti tagħna kemm għal mawra fl-Italja kif ukoll waqt l-attivitjiet li ser jiġu organiżżati hawn. Għalhekk ser issir l-ewwel laqgħa nhar il-Erbgħa 27 ta'Awwissu 2008 fis-7.15pm. Is-Sinku nforma lill-Kunsilliera li bħalissa qed tiġi mħejjija proposta bejn iż-żewġ t'Ibliet sabiex jinġabu fondi mill-Unjoni Ewropea bħala għajnuna għal dan il-ġemellaġġ. L-ammont massimu ta' għajnuna hu ta' €20,000 għar-Rabat u €20,000 għal Nicelino.

Barra minn hekk saret ukoll diskussjoni rigward l-istedina li għandu l-Kunsill għal-fiera annwali li ssir f'Nichelino f'Settembru. Din ser tiġi diskussa aktar fid-dettall fil-laqgħa li jmiss.

## 4. *Update* u disskussjoni dwar il-Monti u Gwardjani Lokali

Ġew mistiedna jidħlu fil-kamra rappreżentanti mill-Gwardjani Lokali. Dawn huma Charles Curmi - Chief Operating Officer, Aldo Cauchi - Inspector u David Soler - l-uffiċċjal awtoriżżat.

Is-Sindku rringazzjhom talli aċċettaw li ssir din il-laqgħa. Irringrazjhom ukoll tal-koperazzjoni sħiħa li jsib minn naħħa tagħhom. L-għan tal-Kunsill mhuwiex biss li jiġbor il-flus miċ-ċitazzjonijeit iżda wkoll li jeduka n-nies dejjem f'realta' ta' sistema li tkun finanzjarjament sostenibbli.

<u>Gwardjani Lokali</u>

Is-Sindku saħaq li l-gwardjani lokali għandhom jagħmlu aktar attenzjoni fil-partijiet ta' Qasam San Ġorġ u Triq il-Kapuċċini fejn hemm is-*supermarkets*. Dan peress li qed ikun hemm ħafna pparkjar ħażin bil-konsegwenza li qed jinħoloq periklu kemm għas-sewwieq u anke' għall-*pedestrians*. Għandha tingħata wkoll aktar attenzjoni fi Pjazza San Franġisk, Triq Kerċem u Triq il-31 ta' Marzu.

Minn naħħa tal-membri tal-Kunsill sar qbil sabiex jintalab lill-Perit iħejji pjanta ta' *traffic management* għall-Qasam San Ġoġ u Triq il-Kapuċċini. Din ikollha nkluż il-mod kif iridu jiġu l-*parking bays*. Wara tintbgħat għall-approvazzjoni ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT).

Monti

Dwar il-monti, is-Sindku qal li l-Kunsill irid li jiddaħħal sens ta' dixxiplina. Diġa' sar kambjament kbir bl-għajnuna tal-gwardjani lokali. L-iskop hu li l-monti jiġi regolarizzat a benefiċċju ta' kulħadd. Għalkemm il-Kunsill hu kuntent bil-progress li ġie reġistrat, għad baqa' ħafna xi jsir biex inkunu nistgħu ngħidu li kulħadd qiegħed josserva r-regolamenti li jiggvernaw lill-istess bejjiegħa tal-monti.

Dwar il-kaxxi li qatt ma ntramaw il-Kunsill ser jieħu l-parir ta'l-Avv. Domenic Micallef minn naħħa tal-Pulizija. Dan minħabba l-fatt li fix-xhur tax-xitwa ħafna mill-okkupanti tal-kaxxi ma jarmawhomx. Il-Kunsill, anki fuq talba ta' l-istess bejjiegħa tal-monti, qiegħed jissuġerixxi li l-klawsola fil-liġi li tistipula li jekk posta ma tintramax għal sitt ijiem in fila għandha awtomatikament terġa taqa' f'idejn il-Kunsill Lokali, tiġi emendata u jiġi stabbilit perjodu ta' żmien meta din il-klawsola tkun tapplika għal monti fir-Rabat. Dan minħabba l-fatt li fix-xitwa r-Rabat ikun kwiet ferm u ħafna drabi ma jkunx jagħmel kummerċjalment sens li wieħed jarma l-posta tiegħu.

Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-gwardjani lokali m'għandhomx awtorita' ta' konfiska. Din tista' ssir biss minn naħħa tal-Pulizija.

Ir-rappreżentanti minn naħħa tal-gwardjani lokali rringrazjaw lill-membri tal-Kunsill Lokali u ħallew il-kamra.

Tressaq dokument iffirmat għand in-Nutar Kristen Dimech fejn sar qbil li Mary Rita Żammit li tarma kaxxa numru 6 qed titrasferixxija lil Angela Vella. Il-membri qablu li tintalab kopja tat-trasferiment li sar għand id-Dipartiment tat-Trade. Dan peress li jidher s-Sinjuri Żammit u Vella ma jiġux minn xulxin.

Tressqet ukoll korrispondenza mingħand Raymond u Maria Cassar li jarmaw kaxxi numri 17 u 16. Saru xi suġġerimenti rigward dawn il-kaxxi u kaxxa numru 18 li ilha ma tintrema. Jekk il-Kunsill jaqbel ma dawn is-suġġerimenti jkun jista' jsir passaġġ akbar u tinqeda wkoll il-kaffetterija Sopos. Il-membri qablu li dawn is-suġġerimenti jerġgħu jiġu diskussi meta l-Kunsill ikun ser jalloka kaxxi ġodda lill-persuni ġodda.

**5. Kuntratt tat-tindfi tal-Latrini Pubbliċi**

Ġie mistieden jidħol fil-kamra Anthony Mercieca li hu rappreżentant tal-kuntratt tat-tindif tal-latrini puibbliċi. Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Mercieca tax-xogħol tajjeb li wettqu matul din is-sena għax il-complaints relatati ma' ħmieġ fil-latrini jista' tabilħaqq jingħad li saru nulli. Hu spjega li l-Kunsill qed jevalwa l-prezz li qed iħallas għal dan il-kuntratt. Hu qal li jekk tqabbel il-prezz mal-frekwenzi li jitnaddfu l-latrini, jirriżulta li l-Kunsill qed iħallas xi ftit żejjed. Fuq kalkoli li għamel, is-Sindku ssuġerixxa li jkun hemm tnaqqis fil-prezz ta' €4,600. Anthony Mercieca qal li ser jiddiskuti ma sħabu li għandhom x'jaqsmu mal-kuntratt u jkellimna lura. Is-Sur Mercieca ħalla l-kamra.

## 6. Kiosks – Festa Sant Marija 2008

Dwar il-kiosks ta' l-ikel li jarmaw fi Triq ta' taħt Putrijal, il-membri qablu li matul il-ġranet kollha tal-festa dawn ma jarmawx qabel il-17.00 minħabba l-ħwienet l-oħra tar-Rabat; u t-trukkijiet il-kbar ibiegħu minn fuq il-bankina. B'hekk tittaffa' l-problema li jkun hemm peress li t-triq tkun miftuħa għat-traffiku. Is-Supretendent tal-Pulizija għandu jiġi infurmat sabiex jispezzjoni din it-triq u jekk ikun hemm diffikultajiet tat-traffiku jara li tingħalaq it-triq. Se jkun hemm ukoll gwardjani lokali fiż-żona jimmonterjaw is-sitwazzjoni.

## 7. Korrispondenza

Tressqet din il-korrsipondenza mingħand:-

7.1 il-MEPA dwar;
(i) PC 49/08, PC 39/08 u PC 41/08. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni;
(ii) it-tieni avviż ta' ksur tal-kontroll ta' l-ippjananr rigward it-tieni arblu tad-dawl li hemm f'għalqa taħt iċ-Ċittadella. Dawn għandhom *floodlights* li juru d-dawl fuq is-swar. Is-sidien ta' l-għalqa qed jgħidu li dawn saru mingħajr il-kunsens tagħhom. L-Enginiera tad-dawl għandhom isibu post alternattiv għal dan id-dawl.

7.2 l-ADT:-
(i) dwar talba għall-parkeġġ tal-persuni b'diżabilita' ta' Maria Ellis 78, Triq Palma. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;
(ii) fejn inħareġ il-permess ta' l-Audio Visual Panel ta' Pjazza Indipendenza;
(iii) fejn inħareġ il-permess biex issir *traffic mirror* fi Triq ic-Ċangar faccata ta' Triq Aniċi.

7.3 GaleaCurmi Eng. Consultants, il-*contracts managers* tad-dawl tat-toroq fejn il-Kunsill ġie infurmat li sid il-post ta' Triq l-Universitas m'aċċettax li teħel bozza ġdida mal-post tiegħu peress li għandhom twieqi kbar tal-kmamar tas-sodda;

7.4 id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward Joe Cumri li hu ħaddiem ta' l-IPSL mal-Kunsill. Dan talab li jiġi rilaxxat minn dan il-Kunsill. Il-Kunsill talab ħaddiem ieħor minnfloku. Ir-risposta tad-Dipartiment hi li mhix *policy* li jiġu rilaxxati ħaddiema minn dawn. Dan peress li n-numru ta' dawn il-ħaddiema hu dak eżistenti u jekk jinbiddlu jridu jiġu trasferiti minn Kunsill għal Kunsill;

7.5 resident fi Triq Mattia Preti, fejn irapporta li kuntrattur li għandu *mobile toilets* u jgħix f'din it-triq qed ibattalhom fit-triq stess bil-konsegwenza li jħallu rieħa ta' drenaġġ. Il-Kunsill għandu jkellem li persuna nkarigata sabiex dan l-inkonvnejnet ma jirrepetix ruħu;

7.6 Peter Daugelat fejn talab sabiex juża parkeġġ fi Triq ir-Repubblika sabiex ikun jista' jpoġġi materjal promozzjonali tal-Gozo Jesus Centre. Hu ssottometta kopji tal-

permess li jħallas mad-Dipartiment tat-Trade. Il-membri qablu li jintalab il-parir tas-Supretendent tal-Pulizija;

7.7 is-segretarju tas-Soċjeta Filarmonika Leone fejn talab li jsir id-dawl mal-faċċata tat-teatru simili kif sar dak tal-faċċata ta' Banca Giuratale. Is-Sindku qal li għadhom kemm ħarrġu applikazzjonijiet għal NGOs biex jibbenefikaw minn fondi mill-Unjoni Ewropea (ERDF). Hu sejjer jiċċekkja iktar fid-dettal dwar x'inhu eliġibbli li jiġi ko-finanzjat u wara jagħmel laqgħa ma' l-għaqdiet varji biex jinfurmahom b'din is-sejħa ta' applikazzjonijiet.

## 8. Materji oħra

8.1 Dwar il-bdil ta' l-isem ta' Triq Borġ Geritu il-membri ma qablux mas-suġġeriment tal-Kumitat ta' l-Ismijiet tat-Toroq peress li minn 21 residenza, 19 irrispondew fil-Kunsill li ma jaqblux li jinbidel l-isem tat-triq fejn jgħixu.

Il-membri qalbu li :-

8.2 jitpoġġew CCTV *cameras* mad-dawra tal-Banca. Dan wara diversi stimi intgħażlet ta' VSS li l-ammont totali jiswa €2,231 VAT inkluża;

8.3 jiġi rrappurtati lill-MEPA sabiex jinbena l-ħajt ta' tminn filati quddiem l-egħlieqi fi Triq taċ-Ċawla faċċata ta' Triq Sette Gugnio u oħra f'kantuniera fi Triq iċ-Ċangar;

8.4 jitranġa l-ħajt li hemm bid-diżlivell taħt il-grawnd tal-futbol Leli Farruġia, faċċata tal-*playing field*. Dan jinsab fi stat perikoluż. L-istima ta' Joe Grima hi ta' €1,786.63 VAT inkluża;

8.5 tiġi organiżżata attivita' fl-*area* tal-Kapuċċini qabel il-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Dan nhar il-10 ta' Settembru 2008. L-ammont totali m'għanmdux jaqbeż l-€116;

8.6 jinħareġ permess lill-Oratorju Don Bosco sabiex issir attivta' soċjali f' parti minn Pjazza Sant' Wistin nhar il-Erbgħa 27 ta' Awwissu 2008 filgħaxija;

8.7 jinħareġ permess lill-MUSEUM li ser jorganiżżaw attivita' fi Pjazza Sant' Wistin bejn it-12 u l-14 ta' Settembru 2008.

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li:-

8.8 ġie aċċettat il-proġett 'Leonardo da Vinci' - INDEPENDENT GRADUATE BIS-development of skills & competences on EU labour market;

8.9 il-Kumitat tas-Sindki t'Għawdex qed jipproponi li jsiru attivtajiet fil-ġranet tax-xitwa. Dawn ser jiġu ffinanzjati minn programm reġjonali għall-2009-2010. Is-Sindku propona li l-Kunsill tar-Rabat jipproponi li ssir *Healthy Week* fejn jiġi promoss l-isport u

l-użu ta' dieta bilanċjata fost ir-residenti.  Il-membri qablu ma dan.  Ser jiġi kkuntatjat il-Kunsill Malti għall-Isport sabiex tintalab l-għajnuna tagħhom.

Il-laqgħa spiċċat fis-1.30 ta' wara nofs in-nhar u laqgħa oħra ser issir nhar

| | |
|---|---|
| Robert Tabone | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |